KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 7.7.2011
KUMM(2011) 413 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Reviżjoni tan-nofs it-terminu tal-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja

WERREJ

1. Introduzzjoni 2

2. Sejbiet ewlenin 2

Katalista għal bidliet strutturali 2

Storja ta' suċċess għall-individwi u l-istituzzjonijiet 3

3. Progress miksub lejn il-miri kwantitattivi tal-Programm 4

Żieda regolari fil-mobilità 4

Sejħa kbira għal sħubiji, proġetti u netwerks 5

4. Il-valur miżjud Ewropew u l-impatt fuq il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja 5

Appoġġ għal żvilupp ta' politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali 5

Il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 6

Spinta għall-kompetenzi individwali 6

Valur miżjud Ewropew 6

5. L-effiċjenza tal-immaniġġar u l-orjentazzjoni tal-klijent 7

Integrazzjoni tal-programmi preċedenti fil-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja 7

Implimentazzjoni u infurzar 8

L-użu tal-baġit u l-kost-effettività 8

6. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni 9

7. Konklużjonijiet 9

ANNESS 11

L-għotjiet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja u d-distribuzzjoni tal-baġit kull subprogramm bejn l-2007 u l-2009 11

1. INTRODUZZJONI

F'konformità mal-Artikolu 15, il-paragrafu 5 tad-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja (Id-Deċiżjoni dwar Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja)[1], dan ir-rapport jipprovdi tagħrif dwar il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja). Dan ir-rapport jibni fuq is-sejbiet tal-evalwazzjoni *interim* tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja[2], fir-rigward tar-Rapporti Nazzjonali dwar l-implimentazzjoni tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja mill-31 pajjiż parteċipant[3] u dwar tagħrif miġbur mill-Kummissjoni.

2. SEJBIET EWLENIN

Matul l-ewwel tliet snin, il-Programm iffinanzja, bi kważi EUR 3 biljun, **edukazzjoni transnazzjonali u attivitajiet ta' taħriġ** li jippromwovu l-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni **f'31 pajjiż Ewropew**. Dan ħa ħsieb **900 000 perjodu ta' mobilità għal finijiet edukattivi taċ-ċittadini Ewropej**, li minnhom aktar minn 720 000 kienu għal studenti u kważi 180 000 għal għalliema/dawk li jħarrġu/persunal. Aktar minn **50 000 organizzazzjoni Ewropea** ħadu sehem f'bosta forom ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni.

Katalista għal bidliet strutturali

Il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja jaġixxi bħala katalist għall-bidla strutturali permezz tal-appoġġ għall-iżvilupp tal-politika, il-kooperazzjoni u l-mobilità. Dan itejjeb it-tfassil ta' politika billi jipprovdi għodod ta' kwalità, analiżi u riċerka kif ukoll bħala fora għal skambju ta' tagħrif dwar l-aqwa prassi permezz tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK). Erasmus, il-parti tal-edukazzjoni ogħla tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, witta t-triq għall-proċess ta' Bolonja, għall-konverġenza ta' ċikli ta' studju ogħla tal-edukazzjoni u għall-iżvilupp ta' sistema għar-rikonoxximent ta' studji li saru barra bbażati fuq ir-riżultati tat-tagħlim. Leonardo da Vinci (LdV), il-parti tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, jappoġġa l-implimentazzjoni tal-proċess ta' Kopenħagen, billi jiżviluppa l-kwalità u r-rilevanza tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, iżid it-trasparenza tal-kwalifiki u jippromwovi l-mobilità ta' dawk li qed jitgħallmu u l-professjonisti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. Il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja jħeġġeġ ukoll il-fehim tal-kostruzzjoni Ewropea u tal-edukazzjoni ta' professjonisti żgħażagħ fi kwistjonijiet tal-UE fil-qafas ta' Jean Monnet.

Il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja inkoraġġixxa inizjattivi ta' kooperazzjoni fl-Ewropa fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inklużi skejjel fil-qafas ta' Comenius u forniturі tal-edukazzjoni adulta fil-qafas ta' Grundtvig.

---

1 ĠU L 327, 15.11.2006, p. 45.

2 L-evalwazzjoni interim tal-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja ġie implimentat bejn Jannar u Diċembru 2010 mill-konsorzju internazzjonali mmexxi mill-Istitut tal-Politika Pubblika u l-Maniġment mil-Litwanja. Ir-rapport sħiħ tal-evalwazzjoni interim jista' jiġi kkonsultat fuq http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports .

3 Ir-rapporti nazzjonali pprovduti mill-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja (27 Stat Membru tal-UE, il-pajjiżi taż-ŻEE u t-Turkija) bi ftehim skont il-paragrafu 15.4 tad-Deċiżjoni tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja u li jkopru l-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2009 kienu sorsi importanti ta' tagħrif u dejta għall-evalwazzjoni interim ġenerali tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja.

Dawk li wieġbu għall-istħarriġ tal-evalwazzjoni enfasizzaw l-irwol tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, l-aktar fil-kooperazzjoni tal-politika u l-interkambju, l-iżvilupp tad-dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ u l-limitu li għalih il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja joħloq valur addizzjonali meta mqabbel ma' programmi simili internazzjonali jew nazzjonali. Is-sejba hija li fl-assenza tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, l-iżviluppi f'dawn l-oqsma kienu se jkunu maqsuma (f'termini tal-ambitu tal-attivitajiet u l-kopertura tal-pajjiżi parteċipanti), l-attivitajiet kienu jsiru fuq skala iżgħar u b'mod anqas estensiv u kieku ma kinux jinkisbu numru ta' riżultati importanti.

Madankollu, il-potenzjal għadu ma ġiex sfruttat għalkollox. Numru eċċessiv ta' miri stipulati għall-Programm ġew tradotti f'għadd ta' azzjonijiet speċifiċi, li uħud minnhom huma nieqsa mill-massa kritika meħtieġa biex ikollhom impatt dejjiemi. Għadu pjuttost limitat il-progress lejn approċċ ta' tagħlim tul il-ħajja kontra dak ibbażat fuq setturi edukattivi. Finalment, filwaqt l-akbar impatt tal-azzjonijiet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja jinsab fil-livell individwali jew istituzzjonali, l-impatt fil-livell ta' politika sistematika huwa kemxejn moderat. Il-valur miżjud dirett tiegħu huwa prinċipalment marbut mar-rikonoxximent ta' kwalifiki u aktar trasparenza tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ madwar l-Ewropa iżda l-influwenza diretta tal-azzjonijiet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja dwar il-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għadha iebsa biex wieħed josservaha u jkollu stima tagħha.

Storja ta' suċċess għall-individwi u l-istituzzjonijiet

Il-mobilità tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja tista' titqies bħala storja ta' suċċess. Studju dwar il-valur tal-Mobilità tal-Erasmus tal-istudenti u l-għalliema indika li perjodu temporanju ta' studju f'pajjiż Ewropew ieħor għen biex itejjeb il-kompetenza internazzjonali, jiffaċilita l-aċċess fis-suq tax-xogħol u kkontribwixxa biex dawk l-istudenti li użaw l-Erasmus ikollhom pożizzjonijiet internazzjonali professjonali b'mod viżibbli. Il-mobilità fi ħdan il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja kkontribwixxiet ukoll għall-iżvilupp tal-identità Ewropea u tali valuri bħall-ġlieda kontra r-razziżmu, il-preġudizzju, il-ksenofobija u d-diskriminazzjoni.

Madankollu, il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja xorta għadu jaffaċċja xi diffikultajiet. Fatturi importanti jkomplu jillimitaw l-aċċess għall-Programm bħalma huma problemi sabiex individwi u organizzazzjonijiet lil hinn minn ċirkwiti edukattivi stabbiliti jkollhom aċċess għalih, livelli għoljin ħafna ta' domanda mhux milħuqa, involviment li għadu limitat mill-intrapriżi minħabba li postijiet għal-lokalizzazzjonijiet ta' studenti mobbli jew għarfien insuffiċjenti tal-lingwa tal-parteċipanti (b'mod partikolari l-adulti) f'azzjonijiet mobbli.

Maniġment aħjar u qafas ta' kontroll

Tmenin fil-mija tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja huwa mwassal permezz ta' netwerk ta' 40 Aġenzija Nazzjonali li flimkien jimmaniġġaw madwar EUR 900 miljun kull sena, filwaqt li l-kumplament ta' proġetti u netwerks ta' kooperazzjoni fuq skala ikbar huma mmaniġġati mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (l-EACEA). Fl-ewwel tliet snin tal-implimentazzjoni l-Aġenziji Nazzjonali użaw b'mod effettiv il-fondi allokati ('il fuq minn 90 %). Użu estensiv ta' għotjiet ta' somma f'daqqa u forom elettroniċi kienu strumentali kemm fil-kisba ta' sodisfazzjon tal-konsumatur u l-kosteffiċjenza. Il-verifiki finanzjarji tal-Aġenziji Nazzjonali juru prassi soda ta' mmaniġġar b'rati ta' żbalji tassew baxxi (<2%).

Xorta għad baqa' xi oqsma għat-titjib: In-numru ta' verifiki jew kważi-verifiki huwa għoli u mhux dejjem huma kkoordinati b'mod suffiċjenti. L-immaniġġar tal-programmi indipendenti ta' qabel għadu mhux integrat bi sħiħ. Il-possibilitajiet offruti mill-għodod tal-immaniġġar elettroniku għadhom ma ġewx skoperti għalkollox. Il-Programm kellu fażi diffiċli fil-bidu bi ħtieġa għal aġġustamenti suċċessivi fil-livelli kollha: forom, sistemi tal-IT, regoli tal-immaniġġar, prinċipji tal-irrappurtar u rekwiżiti. Huwa ġust li wieħed jammetti li l-apprezzament pożittiv tal-immaniġġar tal-Programm mill-partijiet interessati llum jirrifletti aktar l-istampa tal-2010 milli l-perċezzjoni medja ta' bejn l-2007 u l-2009. Issa hemm sejħa ġenerali għall-istabilità billi l-prinċipji u l-proċessi jitħallew jissetiljaw, u l-benefiċċji għall-infiq ġew sfruttati aħjar għat-tħejjija tal-fażi tal-implimentazzjoni.

3. PROGRESS MIKSUB LEJN IL-MIRI KWANTITATTIVI TAL-PROGRAMM

Id-dejta l-aktar riċenti turi li nkiseb progress raġonevoli lejn miri kwantitattivi. Madwar 450 000 student kienu involuti fl-attivitajiet tal-edukazzjoni Comenius fuq bażi annwali (bil-mira tkun minn tal-inqas 3 miljuni matul il-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2013), li tilħaq t-3 150 000 student involuti sal-2013. Sa minn meta beda l-programm tal-Erasmus fl-1987, 2,15 miljun student ipparteċipaw fl-azzjonijiet ta' mobilità sal-2009 (b'mira ta' 3 miljuni sal-2012). Il-LdV appoġġa aktar minn 72 000 lokalizzazzjoni f'intrapriżi fl-2009 u kważi 79 000 fl-2010, żieda ta' kważi 10 % (il-mira tal-inqas hija 80 000 lokalizzazzjoni f'intrapriżi kull sena sal-2013). Finalment, Grundtvig appoġġa l-mobilità ta' madwar 6 100 persunal u studenti adulti fl-2009 (minn tal-inqas 7 000 individwu se jkunu involuti fil-mobilità tal-edukazzjoni adulta kull sena sal-2013). Madankollu, ibbażat fuq id-dejta ta' bejn l-2007 u l-2009, l-evalwaturi indikaw riskju li wħud mill-miri kwantitattivi tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja stabbilit mill-bażi legali għas-subprogrammi settorjali mhux se jintlaħqu minħabba d-daqs insuffiċjenti tal-baġit tal-Programm u kwistjonijiet oħrajn, partikolarment marbuta mal-mobilità, ostakli.

Żieda regolari fil-mobilità

Aktar minn 60 % tal-baġit totali tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja jappoġġa l-mobilità transnazzjonali. L-akbar sehem imur għal ***edukazzjoni ogħla fil-qafas ta' Erasmus*** - fis-sena akkademika 2008/09 kważi 200 000 student marru barra minn pajjiżhom għal studju jew perjodu ta' taħriġ, żieda ta' 15,5 % meta mqabbla mal-2006/07. Il-perjodi ta' taħriġ fl-intrapriżi ntlaħaq b'suċċess li dejjem jiżdied - fis-sena 2008/09 aktar minn 30 000 student tal-Erasmus marru f'lokalizzazzjoni f'intrapriżi, b'żieda kull sena ta' aktar minn 50 %.

L-evalwazzjoni *interim* enfasizzat ir-rilevanza għolja tal-lokalizzazzjonijiet ***Leonardo da Vinci*** għall-impjegabilità u l-ħiliet intraprenditorjali tal-parteċipanti. Aktar minn 67 000 apprendist tal-***edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ***, apprendistati, persuni li qed ifittxu x-xogħol, għalliema u dawk li jħarrġu bbenefikaw minn tali lokalizzazzjonijiet fl-2009. L-involviment tal-SMEs kien konsiderevoli f'dan ir-rigward - 80 % tal-imħarrġa tal-LdV kienu lokalizzati f'kumpanija b'inqas minn 250 impjegat.

Il-mobilità aċċellerat ukoll fl-***edukazzjoni adulta mhux vokazzjonali tal-Grundtvig.*** Fl-2009, aktar minn 41 % tal-għotjiet ingħataw għall-mobilità tal-persunal mis-sena ta' qabel, bis-saħħa tal-introduzzjoni taż-Żjarat u Skambji u Assistentati għall-persunal tal-edukazzjoni adulta.

Bil-għan li titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni primarja u sekondarja, madwar 10 600 għotja individwali għall-mobilità għat-taħriġ tal-għalliema u 1 170 assistentati għal għalliema futuri ġew mogħtija minn ***Comenius*** fl-2009, 22 u 6,5 % żieda fl-2007 rispettivament. Azzjoni ġdida tal-mobilità Comenius ***- Mobilità tal-Istudenti Individwali -*** tnediet fl-2009 bl-ewwel 700 student jistudjaw barra l-pajjiż fl-2010.

Sejħa kbira għal sħubiji, proġetti u netwerks

It-tieni l-ikbar sehem tal-baġit tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja huwa mmirat lejn sħubiji u kooperazzjoni ta' proġetti u netwerks. L-**eTwinning** jipprovdi infrastruttura teknika u appoġġ pedagoġiku għall-għalliema u l-iskejjel għan-netwerk u biex iwaqqfu l-proġetti ta' kooperazzjoni Ewropea tal-iskejjel. Mill-2007 ġew reġistrati aktar minn 17 500proġett li jinvolvu madwar 50 000 skola. Mal-125 000 għalliem huma rreġistrati fil-pjattaforma tal-eTwinning. Azzjoni ġdida ta' Sħubiji **Comenius Regio**, li għandha l-għan li tappoġġa l-involviment ta' awtoritajiet reġjonali u lokali fl-edukazzjoni tal-iskola, tnediet fl-2008, b'280 għotja mogħtija fl-2009. Il-proġetti ta' kooperazzjoni ***Leonardo da Vinci*** appoġġaw ir-riforma nazzjonali mqanqla mill-proċess ta' Kopenħagen. Il-partijiet interessati tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ttestjaw u integraw strumenti Ewropej bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (QEK), l-EQAVET u l-ECVET fil-livell nazzjonali. Fil-***Grundtvig***/Fl-***edukazzjoni adulta*** l-enfasi tal-kooperazzjoni ngħatat b'mod partikolari lil gruppi soċjalment żvantaġġati u lil voluntiera skont il-Proġetti l-ġodda ta' Volontarjat mal-Anzjani ffinanzjati mill-2009.

Ingħatat attenzjoni speċifika mill-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja għall-promozzjoni tat-**tagħlim tal-lingwa** u l-**użu tal-ICT** fl-edukazzjoni u t-taħriġ. Dan ġie rifless bejn l-2007 u l-2009 f'appoġġ b'mod rispettiv lejn 85 u 65 proġett u netwerk fuq skala kbira. Id-domanda għall-attivitajiet differenti offruti mill-Programm hija ħafna ogħla mill-fondi disponibbli. B'riżultat ta' dan, bħala medja inqas min-nofs l-applikazzjonijiet kollha li jagħmlu parti mill-erba' programmi settorjali ġew magħżula għall-finanzjament fil-perjodu ta' bejn l-2007 u l-2009.

4. IL-VALUR MIŻJUD EWROPEW U L-IMPATT FUQ IL-PROGRAMM TAT-TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA

L-evalwazzjoni *interim* ikkonfermat li l-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja laħaq b'suċċess lill-persunal u lil dawk li qed jitgħallmu fl-edukazzjoni formali u t-taħriġ u laħaq ħafna mill-ħtiġijiet tagħhom fir-rigward tal-kwalità tat-tagħlim, l-akkwist, ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-ħiliet u l-kompetenzi, l-iżvilupp personali, it-tagħlim tal-lingwa u l-ħiliet soċjali.

Appoġġ għal żvilupp ta' politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali

L-evalwazzjoni kkonfermat ir-rilevanza qawwija tal-politika tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, b'rabta ċara mal-qafas strateġiku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020. Il-kooperazzjoni tal-politika skont l-MMK ingħatat spinta permezz tal-finanzjament mill-attivitajiet trasversali tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja u permezz ta' appoġġ għal tagħlim minn dak ta' mpar. Dan lagħab ukoll rwol ewlieni fit-trawwim ta' żona Ewropea ta' tagħlim tul il-ħajja billi jappoġġa kemm l-iżvilupp kif ukoll l-implimentazzjoni ta' tali għodod għat-trasparenza, it-transferibilità u r-rikonoxximent ta' kwalifiki bħall-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki (il-QEK), is-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (l-ECTS), u s-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-

Taħriġ Vokazzjonali (l-ECVET) u l-Europass. Aktar minn 80 % tal-evalwazzjoni ta' dawk li wieġbu ħassew li mingħajr il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja l-livell u l-kwalità tal-attivitajiet mmirati għall-iżvilupp ta' għodod u metodi għar-rikonoxximent u l-evalwazzjoni tal-kompetenzi u l-ħiliet ikun inqas.

Barra minn hekk, il-parti Jean Monnet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja trawwem b'mod effettiv il-promozzjoni ta' studji dwar l-integrazzjoni Ewropea.

Il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ

Il-Programm ikkontribwixxa għall-ftuħ u l-immodernizzar tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni permezz tal-introduzzjoni ta' metodi ġodda ta' tagħlim, skambju ta' prassi tajba, ir-reviżjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tal-kurrikula kif ukoll titjib fl-immaniġġar istituzzjonali u l-governanza.

Il-maġġoranza tal-iskejjel li qed jipparteċipaw f'Comenius tejbu l-ambjent tax-xogħol tagħhom u introduċew metodi ta' kif wieħed jgħallem u jitgħallem ispirati mill-imsieħba minn barra l-pajjiż. Dawn saru aktar miftuħa għal kollaborazzjoni internazzjonali u enfasizzaw id-dehra tagħhom u l-status lokalment, li ġibed lill-ġenituri u żamm lill-għalliema motivati. Il-LdV kkontribwixxa għall-adattament ta' programmi vokazzjonali għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u biex itejjeb it-trasparenza tal-UE rigward il-kurrikula, il-kwalifiki u l-istandards tax-xogħol. B'li wieħed jipparteċipa - spiss għall-ewwel darba - fil-kooperazzjoni Ewropea permezz tal-Grundtvig, l-organizzazzjonijiet involuti fl-edukazzjoni adulta żviluppaw metodi ta' tagħlim imtejjeb, aktar strateġiji effettivi biex jilħqu lil persuni li jitgħallmu li huma soċjalment emarġinati, metodi ġodda ta' vvalidar tal-ħiliet u l-kompetenzi, u provvediment imtejjeb ta' korsijiet għat-taħriġ tal-persunal tal-edukazzjoni adulta. Il-parteċipazzjoni fl-Erasmus tejbet is-servizzi tal-istudenti u rawmet metodi ġodda ta' kif wieħed jitgħallem u jgħallem u professjonalizzazzjoni ta' proċeduri ta' mmaniġġar.

Spinta għall-kompetenzi individwali

L-evalwazzjoni wriet li l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin huwa kkunsidrat bħala l-aktar impatt pożittiv tal-parteċipazzjoni fil-PTTĦ mill-benefiċjarji individwali tiegħu. Dan huwa segwit minn titjib fil-kunfidenza personali, l-adattabilità u l-ħila għal xogħol fi grupp. Il-parteċipanti tejbu s-sens tagħhom ta' inizjattiva u ħiliet intraprenditorjali. Studenti mobbli tal-Erasmus kisbu għarfien akkademiku differenti minn dak tad-dar, żiedu l-ħiliet tal-lingwa barranija u dawk interkulturali, taw spinta lill-perspettiva professjonali tagħhom u s-sens li huma ċittadini Ewropej. Studenti mhux mobbli bbenefikaw mill-korsijiet mgħallma minn għalliema li ġejjin minn istituzzjonijiet barranin. Il-persunal li kien qed jipparteċipa fi skambji ħa lejn pajjiżu metodi ġodda ta' tagħlim u ħidma u kuntatti akkademiċi ġodda għal aktar kooperazzjoni.

Kif żvelat fit-tweġibiet għall-istħarriġ tal-evalwazzjoni, il-kompetenzi l-ġodda miksuba tejbu l-impjegabilità ta' kważi 70 % tal-parteċipanti li ħadu sehem fl-istħarriġ tal-azzjonijiet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja.

Valur miżjud Ewropew

L-istħarriġ tal-Awtoritajiet Nazzjonali u l-Aġenziji Nazzjonali wera l-valur miżjud Ewropew tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, b'mod partikolari fi tliet oqsma. L-ewwel,

fl-assenza tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-kooperazzjoni tal-politika u l-iskambju bejn il-pajjiżi parteċipanti kien ikun konsiderevolment inqas u maqsum. It-tieni, il-Programm appoġġa l-iżvilupp ta' dimensjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ permezz ta' kooperazzjoni aktar intensiva bejn il-forituri tal-edukazzjoni, strutturi li qed jinbidlu u prassi tal-istituzzjonijiet edukattivi, li jinkoraġixxu u l-iżvilupp ta' programmi nazzjonali u multinazzjonali ġodda ta' mobilità u joħolqu sens ta' ċittadinanza Ewropea fost dawk li qed jitgħallmu b'mod mobbli, l-għalliema u min iħarreġ. It-tielet, il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja kkumplimenta programmi eżistenti simili internazzjonali, bilaterali u nazzjonali. L-evalwazzjoni enfasizzat li l-maġġoranza vasta ta' programmi oħra eżistenti ta' mobilità jiffukaw il-biċċa l-kbira fuq edukazzzjoni ogħla u ħafna inqas fuq edukazzjoni sekondarja, l-ETV jew edukazzjoni adulta b'mod speċjali. Il-valur tal-Programm għaldaqstant jinsab b'mod ċar fil-firxa wiesgħa ta' gruppi ta' mira indirizzati u l-kopertura ġeografika wiesgħa tal-azzjonijiet tiegħu.

B'kuntrast ma' interventi oħrajn fuq skala akbar tal-UE, bħall-Fondi Strutturali, l-assi tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja jinsab fl-appoġġ tiegħu għal kooperazzjoni transnazzjonali, li jagħti aċċess għal firxa usa' tal-aqwa prassi u ideat innovattivi aktar milli jkun possibbli fuq bażi b'fowkus nazzjonali jew bilaterali. Madankollu ġew identifikati xi oqsma għal titjib. B'mod partikolari, il-miri tal-Programm huma bosta u xi drabi wisq vagi u għaldaqstant diffiċli biex wieħed jikkalkulahom. Dawn ikopru firxa wiesgħa ta' oqsma li spiss jirkbu fuq xulxin. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-proġetti ta'l-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja għadhom mhumiex sfruttati biżżejjed. Minkejja li t-tagħrif huwa mxerred b'mod wiesgħa mill-organizzazzjonijiet li qed jipparteċipaw, dawn ir-riżultati spiss mhumiex implimentati minn organizzazzjonijiet oħra jew integrati mis-sistemi tal-politika. Għaldaqstant hemm qabża bejn il-benefiċjarji istituzzjonali tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja u l-persuni ewlenin li jieħdu d-deċiżjonijiet.

5. L-EFFIĊJENZA TAL-IMMANIĠĠAR U L-ORJENTAZZJONI TAL-KLIJENT

Integrazzjoni tal-programmi preċedenti fil-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja

L-integrazzjoni ta' tliet programmi preċedenti[4] fil-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja kienet ta' suċċess primarjament f'dak li għandu x'jaqsam mal-immaniġġar ġenerali bis-saħħa tas-simplifikazzjoni amministrattiva konsiderevoli, kif ukoll għat-tixrid ta' informazzjoni lill-gruppi ta' mira. Madankollu, l-analiżi ta' evalwazzjoni nnutat bosta oqsma ta' duplikazzjoni tematika potenzjali bejn is-subprogrammi, eż. bejn is-sħubiji ta' Leonardo da Vinci u Comenius fejn f'xi pajjiżi hemm nuqqas ta' delinjament bejn edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ tekniku fl-iskejjel sekondarji jew bejn azzjonijiet Grundtvig, li jipprovdu tagħlim tal-adulti orjentat fi skola bħala ċans ieħor u Leonardo da Vinci (partikolarment fid-dispożizzjoni ta' kompetenzi ġenerali "indirettament vokazzjonali" jew "impjegabilità rilevanti").

Barra minn hekk, il-perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja għadu ma ġiex sfruttat għalkollox. Għad hemm diffikultà biex wieħed isegwi proġetti bejn is-setturi. F'dan ir-rigward, l-eżistenza ta' "programm trasversali" ma kkumpensatx b'mod suffiċjenti għas-segmentazzjoni tal-parti ewlenija tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja. Il-Programm

[4] Socrates, Leonardo da Vinci u Tagħlim elettroniku

innifsu għadu kumpless. Fl-2009 il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja appoġġa 65 azzjoni[5], żieda ta' disgħa meta mqabbla mal-bidu tal-Programm fl-2007.

Implimentazzjoni u infurzar

Aktar minn tliet kwarti tal-baġit tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, madwar EUR 900 miljun kull sena, li jirrappreżentaw kważi 40 000 kuntatt, huma mmaniġġati minn netwerk tal-Aġenziji Nazzjonali li huma responsabbli mill-mobilità fuq skala iżgħar u azzjonijiet ta' sħubiji "deċentralizzati" fil-livell nazzjonali. Proġetti u netwerks "ċentralizzati" ta' kooperazzjoni internazzjonali fuq skala kbira, u azzjonijiet tal-Programm Jean Monnet, huma mmaniġġati mill-EACEA.

B'mod ġenerali, l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-implimentazzjoni u l-istruttura tal-maniġment tal-azzjonijiet kollha kienu xierqa fis-snin ta' bejn l-2007 u l-2009. L-Aġenziji Nazzjonali fil-bidu ffaċċjaw diffikultajiet b'mod partikolari mal-bidliet kemm fir-rekwiżiti tal-irrappurtar kif ukoll f'dawk tekniċi applikabbli għall-maniġment tal-Programm. Madankollu tul iż-żmien, dawn il-bidliet ikkontribwixxew għal titjib fl-immaniġġar tagħhom u b'mod partikolari għas-superviżjoni u sistemi ta' kontroll.

It-titjib fil-qasam tal-monitoraġġ u l-mekkaniżmi ta' kontroll kienu appoġġati mill-użu ta' bosta għodod ta' maniġment ibbażati fuq l-ICT, b'mod partikolari miż-żewġ bażi ta' dejta - LLPLink għal azzjonijiet deċentralizzati u Saykiss għal dawk ċentralizzati. Madankollu l-evalwaturi enfasizzaw li b'mod partikolari l-LLPLink, li bdiet tintuża fi żmien qasir ħafna, għad għandha potenzjal għal aktar irfinar sabiex iżżid l-effiċjenza tal-immaniġġar tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-monitoraġġ u l-miżuri ta' kontroll.

Introduzzjoni wiesgħa tal-għotjiet ibbażata fuq ammonti fissi (somom f'daqqa u għotjiet b'rata fissa bbażati fuq skala ta' kostijiet unitarji) ippermettew simplifikazzjoni sinifikanti tal-arranġamenti amministrattivi tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja. Madankollu numru ta' azzjonijiet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, b'mod partikolari dawk ċentralizzati u forom varji ta' mobilità, xorta għadhom jinkludu taħlita ta' kostijiet fissi u kostijiet reali. Għalhekk jista' jkun hemm lok għal aktar simplifikazzjoni u aktar nuqqas tal-piż amministrattiv għall-benefiċjarji u daqstant ieħor għall-korpi tal-immaniġġar tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja.

Is-sistema ġenerali ta' monitoraġġ tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja sofriet, skont il-konklużjonijiet ta' evalwazzjoni, mill-fatt li l-indikaturi tal-Programm u l-qafas ta' monitoraġġ ma kinux żviluppati sal-2010. Barra minn hekk, l-indikaturi approvati ffukaw primarjament fuq ir-riżultati, filwaqt li l-monitoraġġ tar-riżultati u l-impatti potenzjali kienu inqas sistematiċi.

L-użu tal-baġit u l-kost-effettività

F'termini globali, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla rċevew permezz tal-Erasmus madwar 45 % tal-fondi tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, segwiti minn taħriġ vokazzjonali fil-Leonardo da Vinci b'26 % tal-fondi, edukazzjoni tal-iskola f'Comenius segwita b'16 % u tagħlim adult mhux vokazzjonali fi Grundtvig b'5 %. Il-programmi Transversal u Jean Monnet jirrappreżentaw madwar 5 % u 2 % rispettivament.

---

[5] Tlieta u għoxrin fil-mobilità, ħamsa fi sħubi, 11 għal proġetti multilaterali, 13 għal netwerks multilaterali u miżuri ta' akkumpanjament u 13-il azzjoni għal studji, osservazzjonijiet u għall-Programm Jean Monnet.

Ibbażat fuq il-proporzjon bejn l-għotja operattiva allokata għal NAs/is-sussidju għall-EACEA u l-ammont totali tal-fondi Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja mmaniġġati mill-aġenziji rispettivi, l-analiżi tal-evalwazzjoni turi li l-għotjiet operattivi allokati lil dawn il-korpi ta' mmaniġġar jinkludu 5,4 % tal-fondi tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja inġenerali bejn l-2007 u l-2009. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-istudju tal-każijiet u l-intervisti juru li "strumenti oħra ta' politika, bħal pereżempju l-MMK, mhux se jipprovdu kost-effettività aħjar" fil-kisba tal-eżitu jew tar-riżultati mixtieqa.

L-analiżi tal-evalwazzjoni kkonfermat li bejn l-2007 u l-2009 l-allokazzjoni tal-fondi madwar is-subprogrammi settorjali u l-azzjonijiet kienu konformi mar-rekwiżiti minimi stipulati mill-bażi legali[6]. Madankollu ġew rakkomandati xi allokazzjonijiet mill-ġdid tal-finanzjament għal dawk is-subprogrammi li kienu qed juru diffikultà fil-kisba tal-miri kwantifikati tagħhom dak iż-żmien.

6. IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI

Ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin mill-evalwaturi indipendenti jistgħu jiġu mqassra kif ġej (għal-lista kompluta, jekk jogħġbok ikkonsulta http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/evalreports):

1. Il-Programm għandu jfittex allinjament aktar qawwi mal-prijoritajiet u l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 u tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020), appoġġat mid-definizzjoni tal-indikaturi tal-monitoraġġ tal-impatt;

2. Il-Programm għandu jagħmel aktar biex jinvolvi lil dawk li huma barra mill-edukazzjoni inizjali formali u s-settur tat-taħriġ;

3. Il-Programm għandu jagħmel aktar biex jintegra u jarmonizza aktar il-miri, l-azzjonijiet u l-għodod tal-implimentazzjoni bejn is-setturi kollha u s-subprogrammi sabiex jappoġġa aħjar perspettiva ta' tagħlim tul il-ħajja;

4. Il-Programm għandu jinvesti aktar f'mekkaniżmi għar-rikonoxximent u l-validazzjoni tal-kompetenzi;

5. Sabiex iżid l-effiċjenza tiegħu, il-Programm għandu jfittex għal aktar simplifikazzjoni amministrattiva possibbli, b'mod partikolari billi jespandi l-ishma tal-proġetti ffinanzjati fuq kostijiet fissi. Madankollu, fl-oqsma li baqgħu tas-sistema ta' mmaniġġar, wieħed għandu jfittex għal perjodu ta' stabilità sal-2013 sabiex jikkapitalizza dwar titjib riċenti.

6. Il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija Eżekuttiva u l-Aġenziji Nazzjonali għandha tkun iċċarata u infurzata.

7. KONKLUŻJONIJIET

Il-Programm ta' Tagħlim tul il-Ħajja huwa kkunsidrat mill-evalwazzjoni esterna bħala rilevanti u strumentali biex jilħaq il-miri prinċipali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ miftehma

---

6 Skont l-Artikolu B 11 tal-Anness tad-Deċiżjoni dwar il-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, l-allokazzjoni minima għas-subprogrammi settorjali kienet kif ġejja: Comenius – 13 %, Erasmus – 40 %, LdV – 25 % u Grundtvig – 4 %,

fil-livell tal-UE u b'dan jikkontribwixxi biex jinkisbu l-miri strateġiċi ewlenin tal-Unjoni Ewropea. Huwa importanti wkoll għall-ħajjiet taċ-ċittadini individwali involuti, huwa faċli għall-utent, popolari ħafna u jittratta l-ħtiġijiet tal-bosta komunitajiet tiegħu fil-mira. Il-qafas ta' kontroll qed jaħdem b'mod effettiv.

Madankollu, għad hemm lok għat-titjib. Uħud minnhom huma ta' natura maniġerjali u huma fil-kontroll tal-Kummissjoni. Ħafna huma aktar lil hinn u jkunu jeħtieġu reviżjoni u ħsieb mill-ġdid tat-tfassil tal-Programm.

Ibbażat fuq ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li:

- tipprovdi lill-qafas tal-immaniġġar, li diġà laħaq livell ta' kwalità tajba, b'regoli, proċeduri u għodod tal-IT stabbli li jimminimizzaw l-isforzi matul il-katina tal-implimentazzjoni: il-Kummissjoni, l-Aġenziji Nazzjonali, il-benefiċjarji finali. Il-bidla potenzjali se tiġi vvalutata kontra analiżi bir-reqqa tal-benefiċċju skont in-nefqa u tar-riskju;

- teżamina bħala kwistjoni urġenti l-possibilità li tissimplifika verifiki billi tissostitwixxi l-approċċ attwali ta' teħid ta' kampjuni mhux fil-mira ma' oħrajn ġodda, ibbażat fuq strateġija serja ta' valutazzjoni tar-riskju;

- tittestja pjattaformi ġodda ta' skambju jew l-estensjoni ta' pjattaformi eżistenti jew mezzi oħra biex jiġu ffaċilitati l-iskambju tal-informazzjoni u l-għarfien biex jitqabblu l-offerta mad-domanda għal proġetti ta' kooperazzjoni u l-mobilità (eż. tiftix għal imsieħeb ta' lokalizzazzjoni ta' Leonardo jew Erasmus).

Mingħajr ma tippreġudika l-proposti tagħha għall-iġġenerar tal-programm li jmiss fil-kuntest tal-Qafas Finanzjarju Multi-annwali QFM), il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li:

- tirrifletti fuq qafas ta' politika komprensiva għall-QFM il-ġdid, tfittex sinerġiji bejn tipi differenti ta' investimenti ffinanzjati mill-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ, biex tevita duplikazzjoni u timmassimizza l-impatt;

- tikkunsidra kif tibni aktar fuq is-saħħa tal-Programm eżistenti biex tikkontribwixxi għal miri ġenerali tal-Ewropa 2020, E&T 2020 u l-Aġenda Diġitali. Azzjonijiet madwar l-UE li jinkludu lill-Istati Membri kollha f'attivitajiet simili b'miri komuni, mobilità ta' tagħlim transnazzjonali, jipprovdu evidenza għal riforma tal-politika, iservu bħala inkubatur għal azzjonijiet innovattivi u l-aqwa prassi, skambju u netwerking bi prezzijiet baxxi huma kollha oqsma fejn il-Programm jeċċella.

- tirrifletti kif tibbilanċja aħjar miri ambizzjużi, b'mod partikolari permezz ta' konċentrazzjoni sodisfaċenti, titjib, simplifikazzjoni u kejl aħjar tal-impatt;

- tħejji l-qafas tal-immaniġġar u l-kontroll għall-iġġenerar tal-Programm li jmiss biex tiżgura fażi ta' bidu bla xkiel u sfruttament sħiħ tas-simplifikazzjonijiet kollha possibbli.

ANNESS

L-ġhotjiet tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja u d-distribuzzjoni tal-baġit kull subprogramm bejn l-2007 u l-2009

(Sors: Rapport Interim ta' Evalwazzjoni tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja; Rapport ta' Attività tal-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja ta' bejn l-2009 u l-2010 - dejta aġġornata)

	2007				2008				2009			
	Nru ta' applikazzjonijiet riċevuti		Baġit (f' EUR)	% tal-baġit operazzjonali totali	Nru ta' applikazzjonijiet riċevuti	Nru ta' ġhotjiet mogħtija	Baġit (f'EUR)	% tal-baġit operazzjonali totali	Nru ta' applikazzjonijiet riċevuti	Nru ta' ġhotjiet mogħtija	Baġit (f'EUR)	% tat-total tal-baġit operazzjonali
COMENIUS	37 498	18 142	147 000 000	16.1	35 954	19 892	152 000 000	15.3	40 233	20 007	181 000 000	17.2
ERASMUS	n/a	215 353	407 000 000	44.6	n/a	235 757	456 000 000	46.0	n/a	252 102	459 000 000	43.6
LEONARDO DA VINCI	8 298	3 842	236 000 000	25.8	11 030	5 655	257 000 000	26.0	12 984	6 125	274 000 000	26.0
GRUNDTVIG	7 099	3 292	44 700 000	4.9	7 999	3 678	45 600 000	4.6	11 088	5 099	60 800 000	5.8
PROGRAMM TRASVERSALI				5.6				5.5				5
KA1 - Politika	43	17	26 700 000		35	24	24 500 000		45	6	26 900 000	
KA2 - Lingwi	97	26	11 000 000		88	30	18 400 000		75	29	12 700 000	
KA3 - ICT	146	23	10 200 000		144	22	8 660 000		211	26	9 000 000	
KA4 - Tixrid	54	12	2 970 000		49	12	2 920 000		65	12	4 600 000	
PROGRAMM JEAN MONNET				2.6				2.4				2.3
KA1	326	145	4 690 000		284	115	4 420 000		465	115	4 920 000	
KA2	97	26	17 100 000		88	30	17 500 000		75	29	17 900 000	
KA3	23	18	1 700 000		26	18	1 670 000		32	20	1 700 000	
OĦRAJN			3 430 000	0.4			1 520 000	0.2			900 000	0.1
TOTAL	**n/a**	**240 896**	**912 490 000**	**100**	**n/a**	**265 233**	**990 190 000**	**100**	**n/a**	**283 570**	**1 053 420 000**	**100**
Nefqa amministrattiva			11 300 000				11 900 000				11 300 000	
Aġenzija eżekuttiva			15 300 000				17 100 000				18 100 000	
TOTAL BAĠIT PTTĦ			**939 090 000**				**1 019 190 000**				**1 082 820 000**	

Comenius: jinkludi l-Assistentati; Tħarriġ fis-servizz; Sħubijiet multilaterali u bilaterali tal-Iskejjel; Sħubijiet Regio; Proġetti multilaterali; Netwerks mulitilaterali, Miżuri ta' akkumpanjament u Żjarat preparatorji.
Erasmus: jinkludi l-Mobilità tal-istudenti, il-Mobilità tal-persunal, Programmi intensivi, Korsijiet tal-Lingwa u Żjarat preparatorji.
Leonardo da Vinci: jinkludi Proġetti ta' mobilità ġhal persuni fit-taħriġ vokazzjonali inizjali, persuni fis-suq tax-xogħol u professjonisti ETV; Sħubiji; Proġetti multilaterali (Trasferiment tal-Innovazzjoni u l-Iżvilupp tal-Innovazzjoni); Netwerks mulitilaterali, Miżuri ta' akkumpanjament u Żjarat preparatorji.
Grundtvig: jinkludi Żjarat/skambju ġhal persunal adult tal-edukazzjoni; Assistentati; Taħriġ fis-servizz ġhal persunal adult tal-edukazzjoni; Workshops; Proġetti ta' volontarjat tal-anzjani; Sħubiji ta' Tagħlim Proġetti multilaterali; Netwerks mulitilaterali, Miżuri ta' akkumpanjament u Żjarat preparatorji.
Programmi Trasversali - Attività ewlenija 1/Politika: applikazzjoni u ġhoti tad-dejta ma jinkludux azzjoni ta' Żjarat ta' Studju.